**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 113**

It-Tnejn, 24 ta' April 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.00 p.m.

Id-Deputy Speaker l-Onor. David Agius ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo kien imsiefer fuq xogħol tal-Gvern.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej l-Onor. Chris Bonett, l-Onor. Michael Farrugia, l-Onor. Beppe Fenech Adami, l-Onor. Chris Said u l-Onor. Mark Anthony Sammut kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

Il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said, l-Onor. Chris Agius u l-Onor. Randolph De Battista* kienu skużati.

L-Onor. Robert Cutajar u l~~-Onor. Randolph De Battista~~* kienu assenti.

**vide minuti tas-seduta 115 tal-Erbgħa 26 ta' April 2023*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 112 li saret fid-19 ta' April 2023 kienu kkonfermati.

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li s-Sedja laqgħet it-talba tal-Onor. Chris Agius sabiex jidher bħala skużat fil-Minuti tas-Seduta 107 tas-27 ta' Marzu 2023, u kienet qiegħda tordna illi ssir il-korrezzjoni relattiva fl-imsemmija Minuti.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 7487 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1646 Avviż Legali Nru 99 tal-2023 – Regoli tal-2023 li jemendaw ir-Regoli dwar Assenjamenti ta' Jeddijiet Miksuba taħt Konvenju;

P.L. 1647 Rapport Annwali u Stqarrijiet Finanzjarji tal-Fond għall-Kawżi Ġusti għas-sena 2021;

f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1648 Avviż Legali Nru 98 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iż-Żamma tal-Klieb; u

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1649 Tabella li turi n-numru ta' studenti f'kull skola primarja f'Malta u f'Għawdex, maqsuma bejn Maltin u mhux Maltin, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8028.

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il Mejda tal Kamra:

P.L. 1650 Avviż Legali Nru 96 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Żvilupp Eżistenti; u

P.L. 1651 Avviż Legali Nru 97 tal-2023 – Ordni tal-2023 li jemenda l-Ordni Dwar in-Notifikazzjoni Dwar Żvilupp (Emenda Nru 2).

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1652 Tabella li turi tagħrif dwar internal audits li saru fir-Residenza San Vinċenz de Paul fl-aħħar tliet snin, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 7976;

P.L. 1653 Tabella b'tagħrif dwar l-għadd ta' infermiera f'kull sala fir-Residenza San Vinċenz de Paul, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 7977;

P.L. 1654 Tabella li turi l-għadd ta' residenti fid-djar tal-anzjani privati fil-komunità li jokkupaw sodod li għalihom hu responsabbli l-Gvern, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 7979; u

P.L. 1655 Rapport Annwali tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Persuni Anzjani għas-sena 2022.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali l-Onor. Andy Ellul, f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1656 Dikjarazzjonijiet tal-Assi għas-sena 2022 magħmula skont il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari.

**KUMITATI PERMANENTI**

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, li:

- fil-laqgħa ta' dakinhar tal-Kumitat Permanenti dwar Għawdex, l-Onor. Abigail Camilleri kienet se tissostitwixxi lill-Onor. Clint Camilleri u l-Onor. Graziella Attard Previ se tkun qed tissostitwixxi lill-Onor. David Agius fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali ta' dakinhar it-Tnejn, 24 ta' April 2023; u li

- fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej, li se tinżamm il-Ħamis, 27 ta' April 2023, l-Onor. Edward Zammit Lewis se jkun qed jissostitwixxi lill-Onor. Rebecca Buttigieg.

**MOZZJONIJIET**

**128. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-LOGĦOB**

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Logħob.

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Logħob, Kap. 583" inqara l-ewwel darba.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA LIĠIJIET VARJI DWAR IL-BINI U L-KOSTRUZZJONI - NRU 48**

Id-Deputy Speaker qara lill-Kamra dan il-Messaġġ mingħand il-President ta' Malta mgħoddi lilu mill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi.

**GEORGE VELLA**
**PRESIDENT**

Il-President, wara li kien informat dwar is-suġġett tal-Abbozz ta' Liġi "sabiex jemenda liġijiet varji dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni", jirrakkomandah għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

13 ta' Marzu 2023

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi ppropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġijiet imsejjaħ "Att sabiex jemenda liġijiet varji dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni".

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul issekonda.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, l-Onor. Edward Zammit Lewis u l-Onor. Alex Muscat għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Bernard Grech, l-Onor. Stanley Zammit u l-Onor. Jerome Caruana Cilia għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Fis-7.01 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-7.01 p.m. il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 25 ta' April 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda.

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 20) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Abbozz 3) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 47) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Agrikoltura | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Abbozz 51) | Tieni Qari |

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 4) | Kumitat Permanenti |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni mill-Onor. Toni Bezzina u l-Onor. Paula Mifsud Bonnici.

Fis-7.30 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 25 ta' April 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. DAVID AGIUS**
**DEPUTY SPEAKER**